MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 7/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Saviour Micallef u l-istess Saviour Micallef**

**vs**

**Carmelo Tonna**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elfejn u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (Lm2,021.36,0), in linea ta' danni kagunati in

segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fi Triq Patri G. Bonelli, Rabat, fid-19 ta' Frar tas-sena 2002, meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAF – 981 u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CHE – 583 proprjeta' ta' Saviour Micallef u misjuqa minn Christian Gauci – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-istess konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali presentat kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana peress illi l-incident stradali li sehh fid-19 ta' Frar tas-sena 2004 gara minhabba htijiet imputabbli lil Christian Gauci s-sewwieq li kien qed isuq il-vettura CHE – 583, propjeta' ta' Saviour Micallef l-assigurat tas-socjeta' attrici;

2. Illi l-incident sehh meta l-imsemmi Christian Gauci b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' harisen tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel fil-vettura misjuqa minn l-eccipjenti numru JAF – 981 u dana kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dan kollu, l-ammont reklamat u pretiz huwa esagerat;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

5. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fid-19 ta’ Frar tas-sena 2002 ghall-habta tat-3:00pm fi Triq Patri G. Bonelli, r-Rabat kantuniera ma’ Tabja Road;

2. Illi f’dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Skoda, bin-numru ta’ registrazzjoni JAF – 981 misjuqa minn Carmelo Tonna u l-vettura tal-marka Citroen bin-numru ta’ registrazzjoni CHE – 583, proprjeta’ ta’ Saviour Micallef izda fil-hin ta’ l-incident misjuqa minn Christian Gauci;

3. Illi kif jidher mill-iskizz a fol 22, fil-hin ta’ l-incident kien hemm ukoll diversi vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq;

4. Illi l-incident de quo sehh meta l-konducenti nvoluti riedu jghaddu kontra xulxin billi jsuqu f’direzzjoni opposti, ma kkalkolawx il-wisgha sew u konsegwentement sehh l-incident de quo;

5. Illi kif jidher anke mill-iskizz fuq riferit, is-sinjal ta’ l-istop li jidher fl-istess triq m’ghandu l-ebda rabta ma’ l-incident in dizamina stante li hu distanti mill-post ta’ l-incident;

6. Illi ghalhekk in-nuqqas ta’ prudenza fis-sewqan hi evidenti li hu fuq iz-zewg konducenti involuti;

7. Illi ghaldaqstant ir-responsabbilita’ ghall-incident de quo hi maqsuma ugwalment bejn l-istess konducenti;

Ghaldaqstant din il-qorti:

1. Tiddikjara li kemm il-konducent Christian Gauci kif ukoll il-konvenut Carmelo Tonna huma ugwalment responsabbli ghall-akkadut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont minnhom indikat fl-avviz promotur ta' elfejn u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (LM2,021.36,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Carmelo Tonna biex ihallas nofs dan l-ammont hekk likwidat, senjatament elf u ghaxar Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu, (LM1,010.68,0), bl-ispejjez ukoll ikunu maqsuma bejn iz-zewg blokki ta' kontendenti.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------